



2024/967

3.4.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/967

tat-2 ta' April 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1996 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Renju tat-Tajlandja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mit-Tajlandja huma soġġetti għal dazji anti-dumping definittivi imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1996 ⁽²⁾.
- (2) Sun Sweet Co., Ltd., kodiċi addizzjonali TARIC ⁽³⁾ A792, kumpanija soġġetta għal rata ta' dazju anti-dumping individwali ta' 11,1 %, infurmat lill-Kummissjoni fis-7 ta' Marzu 2023 li kienet biddlet isimha għal Sunsweet Public Company Limited.
- (3) Il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni biex tikkonferma li l-bidla fl-isem ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju anti-dumping individwali applikata lilha skont l-isem li kellha qabel.
- (4) Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni provduta u kkonkludiet li l-bidla fl-isem ġiet irreġistrata kif suppost mal-awtoritajiet rilevanti, u ma wasslitx għal xi relazzjoni ġdida ma' gruppi oħrajn ta' kumpaniji involuti fil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat, li ma kinux investigati mill-Kummissjoni.
- (5) Għaldaqstant, din il-bidla fl-isem ma taffettwax is-sejbiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1996 u b'mod partikolari r-rata tad-dazju anti-dumping applikabbli għaliha.
- (6) Il-bidla fl-isem jenħtieġ li tidħol fis-seħħ mis-7 ta' Marzu 2023. Il-kumpanija ġiet ikkuntattjata dwar id-data applikabbli. Il-kumpanija kkonfermat li filwaqt li l-bidla fl-isem seħħ mill-4 ta' Settembru 2017, hija talbet biss lill-Kummissjoni biex tikkonferma l-bidla fl-isem mis-7 ta' Marzu 2023.
- (7) Minħabba l-kunsiderazzjonijiet fil-premessi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1996 jiġi emendat biex jirrifletti l-isem mibdul tal-kumpanija li għaliha kien preċedentement attribwit il-kodiċi addizzjonali TARIC A792.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1996 tat-28 ta' Novembru 2019 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Renju tat-Tajlandja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (ĠU L 310, 2.12.2019, p. 6).

⁽³⁾ It-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1996 huwa emendat kif ġej:

"Sun Sweet Co., Ltd, 9 M. 1, Sanpatong, Chiang Mai 50120, it-Tajlandja	11,1	A792"
--	------	-------

huwa sostitwit bi

"Sunsweet Public Company Limited, 9 M. 1, Sanpatong, Chiang Mai 50120, it-Tajlandja	11,1	A792"
---	------	-------

2. Mis-7 ta' Marzu 2023, il-kodiċi addizzjonali TARIC A792 li qabel kien attribwit lil Sun Sweet Co., Ltd., għandu japplika għal Sunsweet Public Company Limited. Kwalunkwe dazju definittiv imħallas fuq importazzjonijiet ta' prodotti manifatturati minn Sunsweet Public Company Limited, li jaqbeż id-dazju anti-dumping stabbilit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1996 fir-rigward ta' Sun Sweet Co., Ltd., għandu jiġi rimborżat jew jinħafer f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' April 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN